# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 13**

**Avviz numru 734/01/SM**

**Michael Balzan Limited**

**vs**

**Nicholsons The Supermarkets Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' LM3,497.32,0 dovuta in kwantu ghal LM3154.62,0 import ta' erbaghtax-il kambjala minnhom accettati u iffirmati u li skadew minghajr ma thallsu, u in kwantu ghal LM342.70,0 prezz ta' xoghol in konnessjoni ma tiswijiet ta' natura elettronika u mekkanika;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-18 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**

**190**